

NEWSPAPER POST

# Il-Belt VICTORIA

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

*Jannar – Frar 1999* Nru. 105

# INAWGURAZZJONI TAL- "FONDAZZJONI BELT VITTORJA"



Nhar l-Erbgħa 20 ta' Jannar 1999 f'"L-Imgarr Hotel", Għajnsielem, saret l-inawgurazzjoni uffiċċjali tal-FONDAZZJONI IL-BELT VITTORJA. Wieħed mill-għanijiet ewlenija ta' din il-fondazzjoni huwa li twaqqaf Mużew fil-Belt Victoria bħala ċentru kulturali, iddedikat għall-patrimonju tal-Belt ta' Għawdex in ġenerali u partikolarment il-parroċċa antika tagħha ta' San Ġorġ.

Dan il-jum ta' bidu uffiċċjalment għall-ħidma ta' din il-Fondazzjoni biex f'qasir żmien il-Parroċċa ta' San Ġorġ mhux biss ikollha Mużew fejn tiġbor ir-rikkezzi tagħha, imma wkoll tagħti spinta 'l quddiem biex il-belt ewlenija ta' Għawdex ikollha Centru Kulturali fejn jkunu jistgħu jiġu mistħarrġa l-bżonnijiet kollha biex il-wirt storiku f'kull qasam tal-ħajja jkun mħares għall-ġid tagħna u ta' dawk li għad jiġu warajna.

Mhux impenn faċli li għalih din il-Fondazzjoni ser tistinka. Huwa mpenn li jitlob riżorsi kbar! Huwa mpenn li jitlob sagrifiċċju! Huwa mpenn li kultant issib li ma jkunx qed jiġi mifhum sewwa!

Iżda aħna ċerti li din l-inizjattiva ser issib is-sosten u l-kooperazzjoni mhux biss tal-membri kollha tal-Komunità Parrokkjali, imma wkoll ta' dawk kollha li jifhmu l-bżonn li hemm ħtieġa kbira u urġenti biex il-poplu tagħna jibda jagħraf kemm hu ta' valur il-patrimonju artistiku, reliġjuz u kulturali li ħallew warajhom dawk ta' qabilna.

F'pagni oħra ta' din il-ħarġa qed nippubblikaw id-diskorsi kollha li saru f'jum l-inawgurazzjoni uffiċċjali, li kollha kemm huma juru kemm kien verament ħsieb għaqli li, wara elfejn sena ta' kristjażmu u wara iktar minn tlett elef sena ta' storja tal-belt tagħna, ikun hawn mod ġenwin kif verament nuru u ngħożżu dak kollu li matul is-sekli għaddiet minnu l-belt tagħna.

*"Il-Mulej hu d-dawl u s-salvazzjoni tiegħi"* Salm 26



# EZERCIZZI SPIRITWALI - RANDAN '99

**GĦALL-KOPPJI MIŻŻEWĠA:** Mit-Tnejn 22 ta' Frar sal-Ġimgħa 26 ta' Frar fis-7.00pm
*Predikatur:* **Dun ANGELO SEYCHELL**
*(Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal fiċ-Ċentru Parrokkjali)*

**GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ:** Mit-Tnejn 1 ta' Marzu sal-Ġimgħa 5 ta' Marzu fis-7.00pm
*Predikatur:* **Dun JOSEPH ZAMMIT**

**GĦAL KULĦADD:** Mit-Tnejn 8 ta' Marzu sal-Ġimgħa 12 ta' Marzu fl-4.15pm
*Predikatur:* **Patri WILLIAM AXIAQ OFM Kapp.**

**GĦAT-TFAL:** Mit-Tnejn 22 ta' Marzu sal-Ħamis 25 ta' Marzu fl-4.30pm
*Predikatur:* **Dun BRIAN MEYLAK**

*Fil-Ħdud tar-Randan isir il-kant ta' l-Għasar fil-4.45pm*

IL-BELT VICTORIA
RIVISTA TA' KULL XAHREJN
Uffiċċju Editorjali:
CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex. • Tel : 55 63 77

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA` PARROKKJALI

**20. 12. 98: ANDY**
bint Michael Mercieca u neè Mary Rose Cordina
**27. 12. 98: ELENA**
bint Joseph Farrugia u Maria Teresa neè Saliba
**03. 01. 99: GEORGE CHARLES**
iben Giorgino Camilleri u Elizabeth neè Frendo
**31. 01. 99: GIANNELLA**
bint George Cassar u Rita neè Attard
**14. 02. 99: FRANCESCO**
iben Giovanni Cesarini u Sandra neè Cassar
**20. 02. 99: GIORGIA**
bint Mario Attard u Doris neè Grech

## MARRU JINGĦAQDU MA` KRISTU RXUXTAT

02. 01. 99: Liberato Attard
03. 01. 99: Alessio Camilleri
12. 01. 99: Giorgia Attard
13. 01.99: Vincenza Grech
16. 01. 99: Rosina Scicluna
23. 01. 99: Antonia Cardona
28. 01. 99: Maria Refalo

## Donazzjonijiet b'risq ir-Rivista

N.N. Victoria : Lm 2
Gorg Grech: Lm 3

## PELLEGRINAĠĠ IEĦOR GĦAL LOURDES

**Dawk kollha li huma nteressati jingħaqdu magħna fil-Pellegrinaġġ li ta' kull sena jiġi organiżżat għal Lourdes huma mitluba jkellmu lil Mons Salv Borg, Arcipriet Emeritus, kemm jista' ikun malajr.**

***• In-numru huwa limitat •***

## *Editorjal*

# ŻMIEN TA' RIFLESSJONI

Ma' tantx għadhom għaddew ġimgħat mill-festi tal-Milied u ġa dħalna fi żmien ir-Randan. F'paġna oħra ta' din il-ħarġa ssibu l-programm ta' l-Eżerċizzi Spiritwali li l-Parroċċa tagħna ser torganizza f'dan iż-żmien.

Iż-żmien tar-Randan huwa żmien tħejjija għall-Għid il-Kbir: l-ikbar festa tal-Knisja. Matul dawn il-ġimgħat ta' tħejjija l-Knisja tistedinna nidħlu daħla fina nnfusna biex ngħarfu sewwa dak li qed jżommna l-bogħod minn Alla. Min jaf kemm-il Randan għadda minn fuqna u bqajna naqgħu fl-istess żbalji! Tgħid qed nħarsu lejn ir-Randan bħala xi drawwa oħra?

Jista' ikun li mhux kulħadd jagħraf l-importanza ta' dan iż-żmien qaddis għax ħafna minna ma' jsibux ħin jirriflettu sewwa minħabba l-ġenn tad-dinja moderna materjalista. Jeħtieġ li f'dawn il-ġimgħat li ġejjin ma nqisux l-attendenza tagħna għall-Eżercizzi bħala xi ħaġa li jkollna nagħmlu għax hekk soltu. Hemm bżonn li nieħdu l-affarijiet bis-serjeta'. Irridu nibdew naħsbu ta' nsara maturi, insara veri li jafu sewwa x'titlob minnhom il-fidi li huma jħaddnu.

Jista' jkun ukoll li meta toqrob il-Ġimgħa Mqaddsa, iktar ikun moħħna fil-kant, fl-istatwi, fil-purċissjoni, fil-fjuri. Ninsew kompletament l-importanza ta' dawk il-jiem u flok nidħlu daħla fina nnfusna u ngħarfu x'għamel għalina Kristu Ġesù u biex qed inpattulu għall-imħabba li wera lejna, l-attenzjoni tagħna tmur fuq affarijiet aċċidentali. Affarijiet li jaljenawna mill-valur veru li missna nagħtu lil dawn il-jiem qaddisa.

J'Alla r-Randan li għadna qed nibdew, l-aħħar wieħed ta' dan il-millenju, jħalli fina l-frott mixtieq mill-Knisja. Iħalli fina bidla għall-aħjar fil-mod kif qed nġibu ruħna ta' insara. Jibdilna minn ġewwa u jkabbar fina mħabba vera u sinċiera lejn Alla l-Missier li tana l-ħajja u dejjem ikun pront isostnina fid-diffikultajiet tal-ħajja tagħna. Jekk jiġri dan fina nkunu denji niċċelebraw bil-ferħ ir-rebħa ta' Kristu fuq id-dnub u l-mewt u nibdew ngħixu ħajja verament nisranija. Hekk ukoll f'dak kollu li ngħamlu nuru lil ta' madwarna li verament qed ngħixu l-fidi tagħna.

Mela filwaqt li ningħaqdu flimkien fiċ-ċelebrazzjoni ta' dan iż-żmien qaddis ejjew nifthu beraħ il-qlub tagħna u nkunu lesti li naċċettaw li nibdlu dak li qed jifridna minn min ta' ħajtu għalina u reġa' għamilna werrieta tas-Saltna tiegħu. ■

**● ĦSIEB WAQT FUNERAL**

# F'ĠARRA TAL-FUĦĦAR

Huwa fatt li ma jista' jiċħdu ħadd li fost l-affarijiet kollha li bihom hija miżgħuda d-dinja, ġarra tal-fuħħar hija meqjusa minn kulħadd bħala oġġett mill-iżjed ordinarju, li ma jiswiex ħafna, u mill-iktar faċli li ssibu.

Żgur li din il-ġarra tal-fuħħar ma hijiex magħmula minn xi materjal prezzjuz, jew inkella rari, iżda għall-kuntrarju, hija magħmula minn materjal irħis ħafna ta' din id-dinja tagħna: it-tafal. Żgur li din il-ġarra tal-fuħħar ma fiha ebda sbuħija li tattira l-għajn jew inkella tiddi bil-ġmiel tagħha.

Hija oġġett mill-iktar fraġli, tant li huwa meħtieġ li tintrefa' b'certa delikatezza u attenzjoni sabiex ma tinkisirx. Fiha nnifisha, nistgħu ngħidu, li fiha ftit li xejn valur. Anke kieku jkollna fil-pussess tagħna elf ġarra tal-fuħħar, xorta waħda ma nqisux lilna nfusna bħala bnedmin għonja.

Iżda ejjew nissoponu li xi ħadd li jħobbok jagħtik ġarra tal-fuħħar bħala rigal, u filwaqt li joffrilek dan ir-rigal jgħidlek li f'dik il-ġarra hemm teżor imprezzabbli, magħluq sewwa u ssiġillat. X'differenza kbira tagħmel fik din il-ħaġa! Żgur li ġġegħlek tibdel l-atitudni tiegħek lejn dik il-ġarra. Żgur li ma kontx ser titmeżmeż x'ħin riftakar li dik il-ġarra hija magħmula mit-tafal. Lanqas jaffetwak il-fatt li facli tista' tinkiser, jew inkella li ma fiha ebda ġmiel fl-apperenza tagħha. Żgur li kont tgħożż sewwa dik il-ġarra, u toqgħod attent sabirex ma jiġrilha xejn, daqs li kieku kienet oġġett rari tal-kina.

Iva ħuti: hija stampa mill-aqwa din li titfacca quddiemna: teżor imprezzabbli imqiegħed f'kontenitur li ma jiswa xejn. Qisha ħaġa li ma titwemminx! Iżda żgur li ma hijiex xi ħaġa li ma tistax issir. Fil-fatt ħuti, dan hu l-mod kif in-nisrani jħares lejn il-kundizzjoni umana tiegħu.

Alla lilna l-bnedmin lħobbna b'imħabba tal-ġenn. Din l-imħabba wasslitu sabiex lil kull wieħed u waħda minna jagħtina rężor: it-teżor tad-dinjità divina tiegħu. Iżda dan it-teżor, li l-valur tiegħu ma jista' qatt jiġi mkejjel, aħna nġorruh f'kontenitur magħmul mit-tfal, jiġifieri ġisimna. Peress li l-kontenitur huwa fraġli ħafna, jeħtieġ li aħna nieħdu ħsiebu sewwa, b'dedikazzjoni u b'rispett. B'hekk Alla jagħtina d-dinjità li nkunu responsabbli għal dan ir-rigal tant imprezzabbli.

Iżda ħuti, aħna naraw biss il-kontenitur ta' barra, lill-ġisimna, ġisem magħmul minn materjal li jintilef: tafal, trab, ħamrija. It-teżor fih innifsu, jinsab, huwa moħbi minn għajnejna. Għalhekk, aħna jeħtieġ li nieħdu l-eżistenza tiegħu permezz tal-Fidi. Issa dawk li jemmnu f'dak li qed insemmi, żgur li jkollhom ankra ta' salvazzjoni li magħha jistgħu jiggranfaw fil-mixja tagħhom fuq l-art. Huma jafu, li anke din il-ġarra tal-fuħħar, fil-jum tal-mewt tagħhom, ser tinkiser u taqa' bicciet u ssir trab, it-teżor ta' ġewwa fiha ma jiġi nieqes qatt u qatt. Alla jerfa' dan it-teżor u jressqu lejh.

Minħabba f'hekk kull wieħed u waħġda minna rridu nimpenjaw rwieħna li minkejja l-estern fraġli li jibnina, għandna teżor mill-aqwa: ir-ruħ tagħna, ruħ li Alla tana għax ħabbna u jrid li aħna nuru li nħobbuh billi nieħdu ħsiebha, naħdmu għaliha u nkunu lesti li meta jsejħilna biex nagħtuhielu lura, bla ebda mistħija, iżda b'ħeġġa kbira nrodduhielu, ħalli Hu imbagħad lħallasna bil-premju ta' dejjem.

Mela n-nisrani awtentiku jrid jemmen f'din il-verità, u jrid ukoli jaħdem u jirsisti, bil-mezzi kollha li Alla jpoġġi għad-dispożizzjoni tiegħi, sabiex jogħġob lil Alla b'dak kollu li jgħid u jagħmel. Min jifhem kemm hija mprezzabbli r-ruħ tiegħu jkun iktar dispost li jagħmel it-tajjeb ma' kulħadd u f'kull ħin

Ħuti: Meta l-Iben t'Alla ġie fid-dinja, huwa ħebat-teżor tad-divinità tiegħu f'ġarra tal-fuħħar, fit-tafal, jixbaħ lit-tafal tagħna. Huwa libbes lilu nnifsu bl-umanità fraġli u dgħajjfa tagħna. Huwa għix f'din l-umanità huwa bata' f'din l-umanità, huwa miet f'din l-umanità. Iżda meta huwa qajjem lilu nnifsu mill-mewt huwa libbes l-umanità tagħna bl-immortalità.

Minħabba f'hekk, aħna m'għandiex għafejn iktar nibżgħu mill-mewt, għaliex anke jekk il-ġarra tal-fuħħar tinkiser, it-teżor ma jintilifx. Barra minn hekk: aħna nemmnu li permezz tal-qawwa t'Alla, din ilġarra tagħna terġa' tiġi rrestawrata fl-aħħar jum u ssir tixbaħ il-Ġisem Irxuxtat ta' Ġesù.

Din il-fidi tgħinna ngħixu bil-ferħ il-misteru tal-kundizzjoni fraġli u umana tagħna li tarana mdendlin bejn is-sema u l-art, bejn iż-żmien u l-eternità, bejn ix-xejn u l-infinit.

***(Il-ħsieb ta' l-omelija li Mons Salv Borg, Arcipriet Emeritus, għamel fil-funeral ta' zitu Rozina Scicluna, nhar It-Tlieta 19 ta' Jannar 1999)***

## LIL MARIJA ADDOLORATA



Taħt salib Marija mnikkta  
Ta' dulur sejf nifed qalbha,  
Ġesù binha mdendel mejjet,  
Hawn hi lissnet l-ikbar talba.

Min se jfisser id-Duluri,  
F'baħar t'hemm hija nstabet,  
Siekta iva din l-omm tagħna,  
L-ebda kelma, xejn ma qalet.

Wieħed biss akkumpanjaha,  
Ġwanni l-leħen ta' l-imħabba;  
Dil-virtu' f'kitbietu tiddi  
Lilha dejjem beża' itabba'.

Oh! X'dulur Marija ġarrbet,  
Meta binha niżluh f'ħdanha,  
Ħadd le sewwa jaf x'ifisser,  
X'ħasset f'qalbha din l-Omm tagħna.

Ġesù mejjet b'ġisem, imbenġel  
Bil-kustat f'ġenbu miftuħ,  
Dik l-Omm tiegħu siekta iva,  
Titlob f'qalbha f'talb milqugħ.

Tislet ħniena din l-Omm tagħna,  
Kull min ħarstu jitfa' lejha  
Jitlob b'qalb niedma u simnċiera,  
Biex fil-Ġenna jersaq ħdejha.

Nitolbuk Omm tad-Duluri  
Tisma' talbna, ħenn għalina  
Midimbin, imma sogħbiena  
Talbek kebbes ġewwa fina.

*Kan. Dun Nikol Vella Apap*

"FONDAZZJONI BELT VITTORJA"

## FONDAZZJONI MNEBBĦA MIT-TAGĦLIM TAL-KNISJA



***Diskors ta' Mons. Arcipriet Dr. Joseph Farrugia***

Forsi ftit jafu li fi ħdan is-Santa Sede hemm imwaqqfa l-Kummissjoni Pontifiċja għall-Patrimonju Kulturali tal-Knisja. L-eżistenza ta' din il-kummissjoni tixhed għall-valorizzazzjoni li l-Knisja tagħti lill-patrimonju kulturali li jiddependi minnha.

Il-Knisja tesprimi din il-valorizzazzjoni f'żewġ direzzjonijiet: il-waħda ta' projezzjoni lejn il-futur u l-oħra ta' sensibilizzazzjoni dwar l-imgħoddi.

Fil-perspettiva tal-futur, permezz tal-Konċilju Vatikan II (ara d-Dokument Sacrosanctum Concilium (1964), para. 122-127, u l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (1994), par. 2503), il-Knisja tħeġġeġ lill-isqfijiet sabiex, "huma stess, jew permezz tad-delegati tagħhom, jaraw li jippromwovu l-arti sagra, antika u ġdida, fil-forom kollha tagħha."

Fil-perpettiva ta' l-imgħoddi, il-Knisja ħarġet dokument permezz tal-Kumissjoni Pontifiċja għall-Konservazzjoni tal-Wirt Artistiku u Storiku li twaqqfet fl-1989. F'dan id-dokument titlob lil dawk il-knejjes li jippossiedu patrimonji arkeoloġiċi, arkitettoniċi, skultorji, pittoriċi, mużikali u artistiċi, għadhom b'kura adegwata lħarsuhom, jikkonservawhom u jivvalorizzawhom b'għanijiet kulturali u pastorali.

Kien f'dan id-dawl li l-Kapitlu u l-Presbiterju tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ, għal dawn l-aħħar snin, ikkonsidra b'serjeta' x'għandu jagħmel fir-rigward tal-patrimonju artistiku u storiku li tipposiedi l-Bażilika ta' San Ġorġ u li hu notevoli.

Minkejja l-periklu li nidher parrokkjalista, irrid ngħid li l-Bażilika ta' San Ġorġ hija entità kulturali unika fil-gżira ta' Għawdex. Ovvjament, din l-entità hi primarjament "dar ta' Alla" b'attività speċifikament pastorali u liturġika. Imma ladarba l-Fidi li titnissel fl-ispirtu uman issir neċessarjament "storja" (l-istorja ta' individwi u ta' soċjeta') li, imbagħad, spontanjament tevolvi f' "kultura", ma setax jonqos li, fuq il-medda twila ta' sekli li ilha wieqfa u minħabba l-pożizzjoni fiżika tagħha fil-qalba ta' Għawdex, il-Parroċċa ta' San Ġorġ issir l-entità u l-preżenza kulturali li saret u li hi llum.

Għalhekk, barra milli hi entità ekkleżjali, il-Knisja Parrpkkjali ta' San Ġorġ hi ukoll entità kulturali: simbolu ta' l-identità Għawdxija u pern ta' l-istorja tal-gżira, depożitarja ta' patrimonju għani, sit arkeoloġiku primarju għax fjn tinsab hi u fl-idwar immedjata tagħha nstabu fdalijiet importantissimi taż-żminijiet peistoriċl, Feniċl, Rumani. Biżantini u medjevali. Il-Bażilika ta' San Ġorġ hi tabilħaqq "mużew" ta' arti sagra għax tiġbor fiha opri pittoriċl u skultorji tal-Preti, Żahra, d'Arena, Buħagiar, Cali', Azzopardi, Farrugia u bosta oħrajn. Hi laboratorju ta' mużika liturġika sagra, b'orgni antik mill-aktar prestiġġjuż, l-eqdem wieħed fil-gżira. Hi dan kollu u aktar.

Aħna li ngħixu qrib San Ġorġ u nafu b'dan il-patrimonju għidna li ma nistgħux ninjoraw id-dmirijiet li tgħabbina bihom kemm il-Knisja Universali kif ukoll id-Djoċesi u nħallu dan il-patrimonju inaċċessibbli u inutiliżżat. Barra min hekk, diġa nfaqna eluf kbar ta' liri biex nirrestawraw xi ftit minn dak li għandna f'wirt arkitettoniku. ●

## IL-BELT IL-QADIMA T'GĦAWDEX



***Diskors ta' Pawlu Mizzi***

Matul it-3000 sena ta' storja, il-Belt il-Qadima t'Għawdex kienet magħrufa b'ħafna ismijiet - ir-Rumnani sejħulha Gaulos Oppidum, il-Musulmani kienu jafuha bħala l-Ħaġar. F'dokumenti tas-Seklu 13 kienet magħrufa bħala Castrum u iktar tard bħala Borgo meta Kastell imbena fuq l-għolja fil-qrib. Iktar tard taħt l-influenza ta' l-Isqallin, bdiet tissejjaħ Rabbato u fl-aħħar, fl-1887, issmmiet għar-Reġina Vittorja. Fl-1995, il-President tar-Repubblika għarafha bħala waħda

mis-sebat ibliet ta' Malta.

Matul din il-medda kollha ta' snin, il-Belt Vittorja rnexxielha żżomm il-karattru Mediterranju tagħha f'dawk li huma drawwiet, toponomija, arkitettura u fil-fattizzi fiżiċi ta' nieha. L-istorja tagħha, bl-attakki mis-sibbien, ġuħ, u epidemiji jixbhu lil dawk li ġraw mal-kosta tal-Mediterran.

Teżisti evidenza li turi li l-Berbri kienu minn ta' l-ewwel li ġew jgħixu hawn fl-għerien, jaħdmu l-art barra l-belt. Jidher li fi Żmien il-Bronż, kienetvteżisti xi xorta ta' organizzazjoni fit-tmexxija tagħha. Fi żmien ir-Rumani, il-belt il-qadima bdiet ġejja 'l quddiem u ġiet imgħollija saħansitra għal stat ta' Municipium, iżda ftit li xejn hu magħruf dwarha wara l-waqgħa ta' l-Imperu Rumnan. Fis-sena 870 AD, il-belt waqgħet f'idejn l-Għarabli, skond Al Himayari, ma damux wisq hawn u ħallew ħerba sħiħa warajhom. Fl-1143 AD, wara r-rebħa Normanna taħt il-Konti Ruggieru fl-1090 AD, il-belt ġiet inkluża fil-lista ta' 22 belt skond Nilus Doxoprates, li kienet tifforma parti mill-Metropoli ta' Sirakuża.

Fl-1241 AD, il-Gvernatur Abate Gilbertus irraporta li fil-belt kien hemm 366 familja b'għadd ta' merċenarji li kienu jieħdu ħsieb id-difiża tal-belt. Fl-1276, il-Ġenoviżi attakkaw il-gżira u serqu kull ma sabu taħt l-Anġuvini. Kien lejn dan iż-żmien li nbena għallewwel darba Il-kastell. Din il-fortifikazzjoni ma kenitx immirata biex tilqa' fiha l-popolazzjoni kollha taċ-ċittadini, iżda fuq eżempju tl-fortifikazzjonijiet fewdali oħra fi Sqallija laqgħet fiha biss lis-Sinjur Fewdali u dawk ta' madwaru kif ukoll għadd żgħir ta' bini ieħor. Maż-żmien, dawn is-Sinjuri Fewdali komplew jinqatgħu mill-Belt u ċ-ċittadini tagħha. Saret ukoll il-bejta tan-nobbli Sqallin f'bejniethom kontra l-kuruna Aragoniza. Dawn l-istess nobbli baqgħu jippretendu li jżommu d-drittijiet tagħhom anke wara li Francesco Gatto rnrexxielu jsib tarfhom fis-sena 1411.

Dawn kienu żminijiet diffiċli għal Għawdex meta din il-gżira kienet qed tkun maħbuta mill-Hafsids u ħallelin oħra. Il-Kastekll sar ħerba sħiħa u l-ftit abitanti tal-belt kienu jgħixu f'biża kbir. Malwasla tal-Kavallieri ta' San Ġwann fl-1530, l-attakki żdiedu fil-qilla tagħhom u l-belt sfat kważi abbanbdunata. Iżda fl-ewwel vista pastorali ta' l-Isqof Cubelles fl-1545, l-erba' "Parroċċi" kienu għadhom hemm. Fis-sena 1551, kemm ir-Rabat kif ukoll il-Kastell kienu distrutti kompletament bil-parti l-kbira tal-popolazzjoni meħuda Isira. Għalkemm il-Kastell ħa s-sura meta l-gżira reġgħet bdiet tieħu l-ħajja, il-qagħda kienet hekk ħażina li fl-1599 l-inġinier tal-Papa, Giovanni Rinaldi, issuġġerixxa l-bini ta' belt ġdida f'Għajn Damma, pjan li qatt ma seħħ minħabba nuqqas ta' fondi u ntriċċi oħra. Minflok, Vittorio Cassar, ġie fdat bir-restawr u d-dehra ġdida tal-Kastell. Il-Ħaġarija u l-ħitan tar-Rabat kellhom jitwaqqgħu biex jagħmlu wisa għal foss akbar.

Hekk kif dan il-proġett kien riesaq lejn it-tmiem, it-theddida tal-kursari bdiet tonqos u b'hekk in-nies kienet bdiet tħalli l-Kastell u toqgħod fir-Rabat - kif kienet issa magħrufa l-belt. L-iżvilupp beda jidher madwar it-Tokk u kompla jinfirex. Fl-1666, l-Agostinjani u l-Franġiskani Minuri ssetiljaw fil-kunventi tagħhom u fl-1678, il-Knisja barokka ġdida dedikata lil San Ġorġ inbniet minn flus il-poplu Għawdxi. Il-Matriċl fil-Kastell ukoll inbniet mill-ġdid fl-1711 minn Loranzo Gafa' u fi żmien għoxrin sena, Banca Giuratale ġdida u Sptar kienu qed jiffunzjonaw fil-belt.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-belt kompliet tikber fid-direzzjonijiet kollha - lejn taċ-Cawla, Ta' Bieb il-Għajn, Santa Dminka, tad-Dawwara, il-Bellieġħa, Wara ta' Ghedrin u nħawi oħra. Għalkemm sa nofs dan is-seklu, xeni medjevali kienu komuni, drawwiet u użanzi qodma issa huma ħaġa tal-passat. L-immodrnizzar tal-belt Għawdxija qed jhedded li jeqred dak kollu li hu qadim, l-imgħoddi, l-istorja, il-karattru, il-kulur. Dan ma nistgħux inħalluh jiġri.

Il-kwartieri l-qodma qrib il-knisja ta' San Ġorġ huma bla dubju sfond ideali għall-qawmien tal-karattru tal-Belt tagħna. Il-knisja nnifisha hija waħda mill-eqdem kostruzzjonijiet fil-belt, wieqfa, minn kif jidher, fiċ-ċentru amministrattiv tal-gżira. Eluf ta' muniti Rumani nstabu hawn, u sas-seklu 18, fdalijiet arkeoloġiċi kienu mferrxa ma' l-area kollha. Pissidi medjevali nstab fil-ħajt tal-knisja fl-1854 meta l-faċċata antika kienet twaqqgħet; dan kien wisq probabbli, wieħed miż-żewġ pissidi qodma li dwaru tkellem u ddeskriva il-Vigarju Ġenerali, il-Kan. Pier Pontremoli fil-Vista Pastorali tiegħu fl-1633.

Misraħ it-Tokk ukoll jeħtieġ l-attenzjoni mmedjata tagħna. Dan hu fil-fatt il-lokal ta' l-ewwel fdalijiet ta' Żmien il-Bronż. Kantina Rumana, b'ġarar ta' l-imbid, li nstabet f'livell ieħor, tixhed attività ekonomika mill-aħjar f'dawk iż-żminijiet imbiegħda.

Siti oħra mportanti sparixxew, bħal ngħidu aħna, iċ-ċimiterju l-antik fejn illum nsibu l-Oratorju Don Bosco. L-oqbra ta' hremmhekk, kienu miksija bl-emblemi ta' l-armerija probabbli ta' membri min-Nobilta' Franċiża li akkumpanjaw lir-Re ta' Franza - ir-Re Qaddis Luigi IX- li fl-1275 kien qed jieħu sehem fil-Kruċjata lejn Tuneż.

Il-Fondazzjoni Belt Vittorja hija propju istituzzjoni li qed tiġl mwaqqfa f'mument kruċjali ħafna ta' pajjiżna, b'missjoni li ssalva dak kollu li tista' issalva minn dak li fadal mill-belt antika tagħna. ●

# IL-FRANĊIŻI F'GĦAWDEX (1798-1998)
## U L-KWADRU TAL-MADONNA TAL-GRAZZJA FIL-KNISJA PARROKKJALI TA' SAN ĠORĠ

Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap

### IL-FRANĊIŻI F'MALTA

Nhar id-9 ta' Ġunju 1798 għal xi l-erbgħa ta' wara nofs in-nhar, dehret fuq ix-xefaq ta' Malta l-flotta Franċiża. Kien hemm tmintax-il bastiment kbir, tmintax-il frajgata, erba' mitt mirkeb żgħir, sittin elf suldat u elf u ħames mitt baħri. Xi sagħtejn wara daħlet fil-port xjalukka. Fuqha kien hemm fizzjal Franċiż li kellu ittra għall-Konslu Caruson. Malli dan ħa l-ittra baqa' sejjer biha għand il-Granmastru. Il-messaġġ ta' Napuljun kien talba biex il-flotta Franċiża tidħol f'Malta ħalli tieħu l-ilma.[1]

Il-fregati Franċiżi daħlu fil-Port il-Kbir. Daħal ukoll Napuljun fuq l-'Orient'. Għalkemm il-Granmastru bagħtlu l-kaless tiegħu biex jitla' il-Palazz Napuljun ma riedx. Tela' bil-mixi fost id-daqq ta' marċijiet. Għadda mill-barriera fejn niżel għall-Triq Kristofru u Triq Mekanti.[2]

Napuljun Bonaparte dam Malta mit-13 sad-19 ta' Ġunju 1798. Fl-ewwel lejl raqad fil-Banca Giuratale, illum Registru Pubbliku u l-bqija f'Palazzo Parisio. F'dawn il-ftit jiem huwa biddel għal kolox is-sistemi amministrattivi, kostituzzjonali, leġislattivi u oħrajn tal-gżira.[3]

Il-gżejjer tqassmu fi tnax-il muniċipalità. Malta għaxra u Għawdex fi tnejn.[4]

### IL-FRANĊIŻI F'GĦAWDEX

Langier, djarista, ifisser fid-dettal kif fil-għodu tad-9 ta' Ġunju 1789 il-vapuri kienu jbaħħru lejn il-kosta ta' Għawdex. Napuljun kien għażel pjan kif jattakka u għażel lil General Ebenezer Reynier biex jattakka lil Għawdex, billi jniżżel it-truppi f'xi post fejn San Blas, u l-bajja tar-Ramla, preferebilment Għajn Riħana. Madwar 200 Għawdxi li kienu jafu sewwa x'inhu jiġri, marru lejn l-irdum li jiħroġ 'l barra fuq id-daħla ta' l-imbarkazzjoni: Irdum il-Ħawt jew Irdum ta' Vnuta - u bdew jisparaw l-azzarini wara xulxin lejn id-dgħajjes li kienu resqin. Huma laqtu għall-mewt lis-Surġent Maġġur Betrand li kien fl-istes dagħjsa mal-Ġeneral Reynier u Fugere.[5]

Meta l-gwaniġjon u n-nies taċ-Ċittadella raw il-forzi ta' Reynier resqin bil-għaġġla, mistgħaġbin kif kienu u bil-għaġġla bagħtu deputazzjoni lill-Arċipriet tal-Knisja Koleġġjata (Don Saverio Cassar) biex imur jiltaqa' ma' Reynier biex jirranġa ftehim. Kif f'Għawdex ħadd ma' deher li jaf il-Franċiż, u l-Franċiżi dehru li ma' jafux bil-Malti jew bit-Taljan, Reynier assigura lill-missirijietna bil-Latin, li mhux ser imiss il-privileġġi tagħhom, il-propjeta' u r-Reliġjon.[6]

L-ordni tal-Franċiżi kienet l-għeluq tal-Kunventi tal-Franġiskani Konventwali u tal-Kapuċċini. Il-kunvent ta' Santu Wistin kellu jaċċetta l-Maltin membri ta' l-Ordni li sabu ruħhom bla dar.[7] Fil-qawmien t'Għawdex kontra l-Franċiżi il-kummissjoni temporanja kienet iffurmata minn dawn in-nies: l-Arċipriet Saver Cassar, l-Avukat Ġużeppi Grima, Dott S. Fenech u s-Sur Martin Axiaq.[8]

### IL-KWADRU TAL-MADONNA TAL-GRAZZJA FIL-KNISJA PARROKKJALI TA' SAN ĠORĠ

Fis-sena 1798, ftit iktar minn mitejn sena ilu, f'Għawdex kienu ġew il-Franċiżi. Kbir kien il-biża' ta' l-Għawdxin. Il-patrijiet Kapuċċini marru lejn Malta. Is-saċerdot Dun Ġużepp Attard ħa l-kura ta' dan is-Santwarju ta' Marija li ġie abbandunat. Kuljum kien imur iqaddes fl-artal tagħha bil-periklu li jarawh u li joqtluh il-Franċiżi miġburin fil-Kastell. Ġurnata waħda dan is-saċerdot qala' l-inkwadru tal-Madonna u tellgħu miegħu fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. Qiegħduh fil-Kappellun ta' San Lażżru fuq altar żgħir imdawwar bix-xema'. Wara, li bil-għajnuna ta' Marija spiċċa taħwid, il-kwadru tal-Madonna ġie meħud il-Kapuċċini f'puċissjoni magħmula mill-Kapitlu, Kleru, Kongregazzjonijiet, mill-Gvernastur, mis-Senat u l-Poplu, akkumpanjat bl-isparar minn fuq il-Kastell. Wara li l-kwadru ġie mqiegħed f'postu l-imsemmi saċerdot baqa' iqaddes quddiemu kuljum u kull nhar ta' erbgħa saċerdoti sekulari kienu jgħidu l-'Kumpieta'. Kienu jsiru wkoll priedki sakemm reġgħu ġew il-patrijiet tal-Kapuċċini.[9]



*Il-Kwardu Għażiż u Mirakoluż tal-Madonna tal-Grazzja: Xogħol il-Pittur Stefano Erardi*

Nhar il-Ħadd 28 ta' Ottubru 1798 l-Artikli tal-Kapitulazzjoni ġew iffirmati. Dawn kienu jgħidu: it-truppi Franċiżi kellhom lħallu l-Kastell bl-unuri tal-gwerra. Il-Kastell ul-għodod militari u storijiet għandhom ikunu meħlusa u mogħtija lill-uffiċċjali ingliżi. L-uffiċċjali kollha Franċiżi u l-irġiel iżommu x-xwabel tagħhom. Drit jiġu mbarkati fuq vapuri Ingliżi u trasportati lejn Franza. Hekk il-gwarniġjon ta' 217-il raġel immarċjaw lejn l-Imġarr taħt in-twennis Ingliż u dritt ġew trasportati lejn Franza.

*Riferenzi:*


1. Ġrajjiet Malta. It-Tielet Ktieb. P.175
2. L-istess p. 176
3. L-istess p.181
4. L-istess p. 181
5. Dr. J. DeBono. Gozo Under The French, A 141 Day Saga. Pp16-19
6. L-istess p. 20,21
7. L-istess p.36
8. L-istess p.39
9. Kan. Dun Nikol Vella Pap. Storja tal-Knisja f'Għawdex Ms.Vol.IV. pp.70,71.
10. Dr. J. DeBono. Gozo Under The French. A 141 Day Saga. Pp.44,45.

# Rokna tat-Tfal

Kif intom? Għandi nifhem li lkoll kemm intom tinsabu tajbin u qawwijin u sħaħ, għalkemm dawn l-aħħar ġimgħat kien hawn ħafna attakki ta' l-influenza, fost il-kesħa kbira li kellna. Issa tinsabu tistrieħu wkoll mill-eżamijiet ta' nofs issena. Nittama li mortu tajjeb. Għal dawk li marru hkk u hekk jew, agħar u agħar, ħażin, iridu jagħmlu ħilithom kollha biex fl-eżami annwali jmorru tajjeb ħafna u jistinkaw jogħlew dejjem 'il fuq.

Għadna kemm bdejna ż-żmien tar-Randan. Dan huwa żmien tajjeb ta' konverżjoni, żmien ta' talb, penitenza u sagrifiċċji, barra m'għandniex x'ingħidu, żmien li fih nisimgħu lil Ġesu' jkellimna permezz ta' l-eżerċizzi spiritwali. Qisu li ħadd minkom ma jfallihom, tneħħi lil dawk li forsi jkunu ma jifilħux. Araw, tfal, li tagħmlu ħilitkom kollha biex tneħħu minn ħajjitkom kull xorta ta' difetti, biex hekk, meta tasal il-festa ta' l-Għid, inkunu nistgħu lkoll kemm aħna, nirxuxtaw flimkien ma' Kristu għal ħajja għal kollox ġdida. Qisu li tagħmlu ħafna sagrifiċċji għax permezz tagħhom tkunu tistgħu tgħixu ħajja qaddisa. U la tinsewx it-talb. Itolbu ħafna, tfal, biex dawk li qegħdin jgħixu ħajja ħażina - il-midinbin - jibdlu ħajjithom u jikkonvertu. Aħna wkoll irridu nikkonvertu, mhux mill-ħajja ħażina għal ħajja tajba, imma minn ħajja tajba għal ħajja iktar tajba, għal ħajja aħjar.

***Issa aqraw din l-istorja***

Fil-ħajja ta' Jhon Ruskin, magħruf bħala kritiku ta' l-arti, kif ukoll bħala artista, niltaqgħu ma' episodju li għandu tifsira kbira.

Waqt li, ġurnata waħda, Ruskin kien qiegħed jitkellem mal-ħbieb, resqet fuqu sinjura li hu kien jaf sewwa. Din urietu velu ta' materjal prezzjuż li kien għadu kif ittebbagħlha b'qatra linka li ma titħassarx.

Is-sinjura kienet lesta li tarmi l-veru għaliex kienet qegħda tikkunsidrah bħala materjal li issa ma kellu ebda siwi. Iżda meta Ruskin ittenda b'dan, talabha l-velu tagħha u wara ftit ġranet irnexxielu jurihulha midbul għal kollox.

Ruskin pinġa fuqu disinn tant sabiħ li ħalla s-sinjura tħares lejh. U dak li l-aktar laqatha kien li ċ-centru tat-tpinġija kollha kienet it-tebgħa tal-linka li, fil-fehma tagħha, kienet irvinatilha l-velu għal kollox.

L-opra ta' Ruskin hi xbieha debboli tal-manjiera li biha Alla kontinwament jibdel f'ġid il-ġrajjiet l-aktar morri li magħħom il-bniedem jiltaqa' matul ħajtu.

Toqogħdux tibku d-difetti tagħkom, tfal, iżda agħmlu dak kollu li tistgħu biex, bil-għajnuna t'Alla, teħilsu minnhom.

Għal-lum, dak kollox, tfal. Sakemm nerġgħu niltaqgħu, nixtiqilkom is-saħħa.

*Iz-Ziju Peppi*

# Website ġdida għall-Bażilika ta' San Ġorġ

*minn Ġorġ Cremona*

Kien hemm żmien meta l-knisja kieent tuża l-bullettin bħala l-mod ewlieni tagħha biex permezz tiegħu tilħaq lil fidili mxerdin universalment u tgħarrafhom x'qed jiġri f'kull knisja partikolari. Permezz ta' dan il-mod ngħidu aħna emigranti barra minn Malta setgħu jirċievu dan il-fuljett minn qrabathom u jaqraw x'seħħ fil-knisja li fiha kienu jattendu snin qabel ma jkunu siefru.

Pero' issa hemm mod aktar faċli kif l-emigranti u anke aħna l-Maltin nistgħu nżommu kuntatt mal-Bażilika tagħna. Dan jista' jsir permezz ta' sistema ġdida mibdija mill-Knijsa ta' San Ġorġ. Kull min għandu l-faċilita' ta' l-Internet jista' jaġġorna ruħu f'dawk li huma attivitajiet, storja, pubblikazzjonijiet u korrispondenza li għandhom x'jaqsmu mal-Knisja u l-kommunita' ta' San Ġorġ.

Fi kliem ieħor issa wieħed jista' jagħmel użu mill-website li tiġbor fiha informazzjoni nteressanti. Ta' min isemmi li din il-website li dalwaqt tkun kompluta kienet iddisenjata u mibnija miż-żgħażugħ bravu David Vella illi offra l-kapaċitajiet tiegħu fit-tħaddim u tana dan is-servizz. Miegħu ta' min isemmi wkoll lil Gorg Cassar li qed ikompli jaġġorna l-Website regolarment.

L-Address tal-Website huwa:
www2.vol.net.mt/org/sangorg

Min imbgħad ikun irid iżomm kuntatt permezz ta' E-Mail, jista' jagħmel dan billi jikteb fuq:

**sangorg@vol.net.mt**

Żgur li dan huwa mod eċċellenti li permezz tiegħu jinżamm kuntatt mal-parroċċa mhux biss lokalment iżda wkoll internazzjonalment.

"FONDAZZJONI BELT VITTORJA"

## L-GĦANIJIET TAL-FONDAZZJONI



*Fr. Charles Cini SDB*

Huwa unur kbir għalija li llum qed ninawguraw il-bidu ta' fondazzjoni ġdida: Fondazzjoni Belt Vittorja Għawdex. Minn dejjem kienet ħolma tiegħi li nagħmel xi ħaġa sabiħa u ta' valur għall-pajjiż twelidi. Jiena, bħal fundatur tagħna Don Bosco, ukoll inħobb noħlom. Kultant il-ħolm verament iseħħ.

L-għanijiet tal-Fondazzjoni huma li:

• Twaqqaf mużew fil-Belt Vittorja bħala ċentru kulturali, iddedikat għall-patrimonju tal-belt ta"Għawdex in ġenerali u partikolarment il-paroċċa antika tagħha ta' San Ġorġ.

• Li tiġbor materjal dokumentarju, kif ukoll artistiku u kull materjal ieħor li għandu x'jaqsam ma l-imsemmi patrimonju kulturali.

• Li tipproduċi riċerka fuq il-patrimonju storiku u l-kultura reliġjuża t'Għawdex u partikolarment tal-belt antika tiegħu.

• Li torganizza fil-gżejjer Maltin u anke l-barra minnhom, waħedha jew flimkien ma' organizzazjonijiet oħra, esibizzjonijiet, konferenzi, seminars, kompetizzjonijiet u attivitajiet oħra biex ixxerred il-patrimonju kulturali t'Għawdex fost in-nies tal-post u anke barranin.

• Li tippubblika materjal mitbugħ jew awdjo-viżiv fuq l-istess suġġett.

• Li tirċievi donazzjonijiet u grants mill-Gvern Malti jew għaqdiet oħra f'Malta jew barra, li tamministra l-qliegħ li jiġi minn pubblikazzjonijiet u servizzi oħra għall-manutenzjoni tal-Fondazzjoni u l-Mużew tal-Bażilika.

• Li takkwista, b'xejn jew b'meżżi oħra, għamara jew affarijiet oħra għat-tmexxija tal-Fundazzjoni kif ukoll xogħlijiet ta' l-arti li jixirqu lil dan il-Mużew.

Jiena nemmen bi sħiħ li hu permezz ta' inizjattivi kulturali li nistgħu nibdlu u nġeddu l-mentalità tal-poplu Malti. Il-patrimonju t'Għawdex m'huwiex biss tan-nies residenti hawnhekk, iżda tad-dinja kollha. speċjalment ta' l-Ewropa.

Huwa dover u responsabilta' tagħna li nieħdu ħsieb il-patrimonju storiku u artistiku ta' pajjiżna li ħallewlna missirijietna. Dan huwa mod kif nistgħu ngħinu liż-żgħażagħ tagħna jgħelbu l-problemi tagħhom u li jkollhom ottika posittiva biex jiffaċċjaw id-don tal-ħajja. ●

## AWGURI LILL-FONDAZZJONI



*L-Onor Ministru Giovanna Debono*

Nibda biex nirringrazzjakom ta' l-istedina ta' dalgħodu u nawguralkom tassew għal din l-inizjattiva ġdida u nobbli.

Kemm il-qasam tal-fidi reliġjuża kif ukoll dak tal-kultura huma oqsma enormi. Minn banda l-fidi hija biss dimensjoni waħda tar-reliġjon u għalhekk minnha nnifisha l-fidi reliġjuża trid titlaħħam ma' xi kultura jew oħra. Pajjiżna huwa għani fil-kultura. Kultura ta' kontinwità, kultura storika w artistika, għanja fil-varjeta' u fin-nisġa ta' influenzi barranin. Għalhekk inħoss li din l-inizjattiva tagħkom bħala komunità parrokkjali ta' San Ġorġ hija waħda nobbli mhux biss għal Belt Victoria imma għal Għawdex tagħna kollu kemm hu. Hija nobbli għaliex l-għan li qed tipproponi din il-fondazzjoni huwa wieħed ta' konservazzjoni ta' dak li jippartieni lill-wirt kulturali tagħna. Kultura li tagħti valur kbir lil dak li huwa artistiku u reliġjuż. Il-kultura tagħna hija fuq kollox waħda nisranija, fis-sens illi tul dawn l-elfejn sena ta' kristjaneżmu, il-vanġelu u l-mod kif għexuh diversi qaddisin, kien dejjem fost laqwa jekk mhux l-unika nfluenza fuq il-ħsieb u l-qalb ta' artisti Maltin u oħrajn barranin li kellhom x'jaqsmu ma xtutna. Fl-istess ħin il-kultura tagħna hija waħda Ewropeja fis-sens li l-bqija ta' l-Ewropa, bħalna ssawret mill-valuri nsara. Fl-aħħamett il-kultura tagħna hija wkoll parti mill-kultura mediterranja, magħġuna minn esperjenzi twal ta' l-umanità

Minkejja ċ-ċokon tagħna, Għawdex ukoll jista' jiftaħar bil-wirt artistiku tiegħu. Minn bidu umli fi knejjes imħaffra fil-blat, l-arti kristjana f'Għawdex kibret u stagħniet imsoqqija minn kurrenti artistiċi Ewropej u minn oħrajn li ġew f'kuntatt dirett ma' artisti barranin li minn żmien għall-ieħor kienu jiġu jżuruna. L-arti tagħna hija waħda li kellha l-mumenti sbieħ tagħha u li f'waqtiet mhux rari laħqet livelli mhux mistennija.

Il-Ministeru għal Għawdex mhux biss jappoġġja inizjattivi bħal din tal-Fondazzjoni Belt Victoria imma fejn hu possibbli lest li jagħti l-għajnuna u s-sostenn kollu tiegħu.

Bħalma ta' qabilna b'sagrifiċċji kbar ħallewlna patrimonju artistiku u kulturali kbir, aħna fid-dmir u fl-obbligu li nikkoltivaw u nikkonservaw kultura għal futur. Xogħlna hu li naraw li din il-kultura u dan il-wirt jinfirex u jiġi apprezzat biex hekk jarrikkixxi ruħu.

Il-kultura hi kura, hija ħsieb għall-kundizzjonijiet aħjar anke tal-wirt tagħna, hija atteġġjament pozittiv għal bini ta' soċjeta' li tagf tapprezza l-glorji tal-moħħ u l-ħidma tal-bniedem u li fuq kollox taf tgħożż u tħares s-sbuħija ta' madwarna. ●

Fit-Teatru ASTRA
L-OPRA SPETTAKOLARI
AIDA
fl-1 ta' Mejju 1999